

Brussell, 20 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12099/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0251 (NLE)

FISC 175
ECOFIN 842
ENER 424

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Mejju 2022, il-Portugall talab awtorizzazzjoni biex japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, li jistgħu jaqgħu taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva. Aktar informazzjoni u kjarifiki b'appoġġ għat-talba ġew ipprovduti mill-awtoritajiet Portugiżi fil-11 u fit-23 ta' Mejju 2022, kif ukoll fit-8 ta' Ġunju 2022. Intalabli l-awtorizzazzjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (2) Skont l-awtoritajiet Portugiżi, l-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa mnaqqsa għandha l-għan li timmitiga l-impatti soċjali u ekonomiċi tl- prezzijiet bl-imnut għoljin tal-fjuwils li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika, u li jaffettwaw direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji. Dik il-miżura għandha l-għan li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' kuljum assoċjati mal-konsum tal-fjuwils tal-magni billi tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impatt taż-żieda fil-prezzijiet bl-imnut.

- (3) L-awtorizzazzjoni mitluba x'aktarx li ma xxekklix il-kompetizzjoni jew tfixkel il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezzijiet tas-suq eċċezzjonalment għoljin taż-żejt mhux maħdum, l-awtorizzazzjoni mitluba titqies bħala adegwata u proporzjonata. L-awtorizzazzjoni ssib bilanċ bejn l-oġettivi ta' politika speċifiċi msemmija fl-Artikolu 19(1), it-tielet paragrafu, tad-Direttiva 2003/96/KE, b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni, u l-emerġenza imperattiva li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi. It-tnaqqis fit-taxxa jikkumpensa parzjalment iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u mhuwiex kumulattiv ma' xi tip ieħor ta' tnaqqis fit-taxxa.
- (4) Il-Portugall jenħtieġ li għalhekk jiġi awtorizzat japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, kif mitlub.

- (5) Skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dik id-dispożizzjoni għandu jkollha żmien strettament limitat. Madankollu, biex ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi stabbilit li, f'każ li l-Kunsill, li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom ma tiġix adattata din l-awtorizzazzjoni, jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni tiegħa tapplika fil-jum li fih dik is-sistema ġenerali modifikata ssir applikabbli.
- (6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Portugall huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, taħt il-livelli minimi rilevanti ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2022.

Madankollu, f'każ li l-Kunsill, li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tiġix adattata, din id-Deċiżjoni għandha tiegaf tapplika fil-jum li fih dik is-sistema ġenerali modifikata ssir. applikabbli.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
